KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 37/7/194/18

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

SEBGĦA LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 37

*L-Erbgħa, 17 ta' Jannar, 2018*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola l-Erbgħa, 17 ta' Jannar, 2018. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm.

**Preżenti:**

Dominic Grima-*Sindku*
Steven Axisa-*Viċi Sindku*
Roderick Spiteri-*Kunsillier*
Bernard Sean Lynch-*Kunsillier*

**Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nicholas Seychell-*Kunsillier*
Tyrone Muscat-*Kunsillier*
Ivan Bartolo-*Kunsillier*

**Assenti:**

**Uffiċjal Preżenti:** Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv*

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

1. **Qari tal-ittri ta' apoloġija**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-Kunsilliera Seychell, Muscat u Bartolo talbu biex ikunu skużat minħabba impenji ta' xogħol. Il-membri aċċettaw li huma ikunu skużati.

2. **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti nr.36 ġew approvati *nem com.*

2.2. Dwar punt 2.3 il-Viċi Sindku qal li ħadd mir-residenti ta' Ġnien Lorry Sant ma oġġezzjona sabiex jitwaħħlu il-bozoz il-ġodda fl-akwata. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi ix-xogħol fuq dawn il-bozoz kien tlesta u li kienu ser jitwaħħlu fil-ġranet li ġejjin.

3. **Korrispondenza**

3.1. Ittra mingħand is-Sinjura Appelgren sabiex il-Kunsill Lokali Paola jipparteċipa f'attività Nazzjonali ta' tindif. Il-membri qablu li l-Kunsill jipparteċipa u li ninfurmaw ukoll l-għaqdiet.

4. ***Staff***

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri li l-impjegata Alison Panzavecchia waslet sabiex titla *notch* fl-iskala tagħha u skond il-ftehim tal-ħaddiema tal-Kunsilli Lokali dan irid jiġi approvat fil-Kunsill. Il-membri approvaw.

4.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi kif approvat f'laqgħat preċedenti, ħarġu sejħiet interni fl-iskali 11 u 13 fil-Kunsill Lokali Paola. Il-membri approvaw li l-impjegati Josephine Camilleri u Keith Parnis jingħataw il-promozzjoni għal skala 11 u 13 rispettivament. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla billi qal li sar ix-xogħol ukoll fuq is-sejħa ta' impjegat ġdid/ġdida għal skala 15.

## 5. Offerti

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjega lil membri tal-liġi ġdida tax-xiri kif ukoll tal-Procurement Guidelines tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali kif maħruġa.

5.2. Il-membri approvaw li tinħareġ sejħa għall-offerti għas-servizz ta' "Upkeep and Maintenance ta' Soft Areas" bil-baġit ikun ta' €80,000 għal erba' snin. Il-membri approvaw ukoll li l-Kumitat għall-evalwazzjoni ta' offerti ikun magħmul mill-accountant tal-Kunsill, mill-avukat Jonathan Attard u minn persuna teknika b'esperjenza fid-Dipartiment tal-Agrikoltura jew ambjent simili. Ic-Chairperson ikun is-Sindku u s-Segretarju tal-Bord ikun is-Segretarju Eżekuttiv.

5.3. Il-membri iddiskutew ukoll l-offerta pendenti għall-Konsulent tal-Kunsill fuq proġetti Ewropej. Il-membri qablu li din l-offerta toħroġ u approvaw ukoll li l-Kumitat għall-evalwazzjoni tal-offerti ikun magħmul mill-accountant tal-Kunsill, mill-avukat Jonathan Attard u minn persuna teknika b'esperjenza fil-Meusac jew dipartiment simili. Ic-Chairperson ikun is-Sindku u s-Segretarju tal-Bord ikun is-Segretarju Eżekuttiv.

## 6. Komunikazzjoni mis-Sindku

6.1. Is-Sindku informa lil membri illi ser jitkomplew is-sessjonijiet taċ-Ċentru Anzjanità Attiva kif ukoll ser jitkomplew is-sessjonijiet tal-Ħu Kontroll. Il-membri qablu li għanda wkoll tinxtara sistema ta' Sound ġdida  sabiex is-sala tkun aktar adattata.

6.2. Is-Sindku qal li fl-aħħar attività taċ-Ċentru ta' Anzjanità Attiva uħud mill-anzjani qasmu miegħu il-ħsieb li jixtiequ imorru għall-Ġimgħa l-Kbira ta' Għawdex. Is-Sindku kompla li huwa kien niżżel fuq il-facebook tiegħu li l-Kunsill kien qed jaħdem fuq din l-attività u sfortunatament kien hemm bosta kummenti kontra din l-attività fuq il-mezzi soċjali. Għaldaqstant huwa kompla li fid-dawl ta' dan huwa kien qed jipproponi li minflok fil-*weekend* tal-Ġimgħa l-Kbira l-attività issir fil-ġimgħa ta' qabel f'Ħadd il-Palm. Il-membri qablu li jkun aħjar hekk. Is-Sindku xtaq jiċċara li bl-ebda mod ma kien il-ħsieb tal-Kunsill li permezz ta' din l-attività juri nuqqas ta' rispett lejn l-għaqdiet u l-attivitajiet tal-lokalita. Il-Kunsillier Lynch xtaq li jkun infurmat minn qabel dwar l-attivitajiet tal-Kunsill u mhux isir jaf mill-mezzi soċjali. Is-Sindku irrisponda li huwa kien ser jiddiskuti din l-attività f'din il-laqgħa u semma din l-attività fuq facebook biex dak li jkun iżomm il-ġurnata vojta però għal darb'oħra jinfurmom ħafna aktar qabel. Il-Viċi Sindku xtaq iżid li l-Kunsill għandu ikun kburi b'dan iċ-ċentru li tassew qed jaħdem.

KUNSILL LOKALI PAOLA

## 7. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

7.1. Il-Viċi Sindku xtaq jistaqsi dwar Ġnien il-Mediterran fejn jidher li qed jintefa xi terrapien tal-pjazza fl-istess ġnien. Is-Sindku qal li ser jistaqsi dwar dan fil-laqgħa tal-pjazza. Il-Viċi Sindku staqsa wkoll li mhux jara tagħmel sens li mill-Pjazza ma tkunx tista' iddur lejn triq Żabbar. Is-Sindku kompla li dan huwa l-istess ħsieb tal-Kunsill Konsultattiv u huwa infurmat li din għanda tiġi riżolta fil-ġranet li ġejjin.

7.2. Il-Kunsillier Spiteri xtaq jistaqsi kienx hemm żviluppi fuq il-proġett ta' Ġnien Dom Mintoff. Is-Sindku informa lil membri li l-informazzjoni li għandu hija li fid-dawl tat-tibdil fid-dekasteri ta' wara l-elezzjoni il-proġett tawwal, u huwa għaldaqstant anka staqsa dwar dan lil On. Konrad Mizzi li assigurah li l-proġett ser jitwettaq.

## 8. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

8.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 37 għas-somma ta' €45,700.21.

## 9. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

9.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:00pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 21 ta' Frar 2018.

9.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 21 ta' Frar 2018.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri<br>Segretarju Eżekuttiv | Dominic Grima<br>Sindku |